MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**

**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 32/2014

Cassar **and Schembri (Marketing) Ltd**

**C 33147**

**Vs**

**Festari Erica**

**ID 309280M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-24 ta' Jannar, 2014 illi Casar and Schembri (Marketing) Limited, is-socjeta' esponenti, tesponi bir-rispett.

Illi hija kreditrici tal-intimata Erica Festari fl-ammont ta' elf tlett mija hamsa u hamsin ewru u sitta u ghoxrin centezmu (€1,355.26) rapprezentanti somma xoghol moghtija lilha ghar-ristorant Da Rocco Restourant, Level 1, Langustini Comples, St. Thomas Bay Road, Marsascala, u dak kif jidhe fil-fattura annessa u mmarkata 'Dok A';

Ghaldaqstant, is-socjeta' esponenti umilment titlob lil din l-onorabbli Qorti jogghobha:-

1. Tiddikjara lill-initmata bhala debitrici fis-somma ta' elf tlett mija u hamsa u hamsin ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€ 1,355.26).

2. Tordna lill-intimata thallas l-ammont dovut.

Bl-ispejjez kollha u l-interessi legali kollha.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tas-26 ta' Frar, 2014 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tas-26 ta' Frar, 2014 u filfatt il-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tlett mija u hamsa u hamsin ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€ 1,355.26) bl-imghax mid-data tal-prezentata sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez, ikunu a karigu tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------